# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **8 TA' APRIL 2018**

**Ġabra speċjali**

Illum se ssir il-ġabra speċjali għall-Parroċċa tagħna. Inħeġġukom tkunu ġenerużi. Nirringrazzjawkom mill-qalb.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Il-Ħadd 8 ta' April 2018 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familj huwa okkażżjoni li s-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 9 ta' April 2018**

Triq il-Kappara, Triq Ġużeppi Lanzon u Triq is-Salini

**It-Tlieta 10 ta' April 2018**

Triq ix-Xnejn l-Abjad u Triq il-Menħir

**L-Erbgħa 11 ta' April 2018**

Triq Vajrita, Triq Nigel Dennis u Triq il-Baħħara

**Grupp Kelma tal-Ħajja**

It-Tnejn 9 ta' April 2018 fis-7.00pm ser jiltaqa' l-Grupp tal-Kelma tal-Ħajja fil-Knisja Parrokkjali.

**Bi tħejjija għal Jum il-Vokazzjonijiet**

It-Tlieta 10 ta' April 2018 fis-5.45pm grupp ta' Seminaristi ser jiltaqgħu mat-tfal li jattendu l-Museum tal-Bniet u fis-6.45pm ser jiltaqgħu mal-adolexxenti li jattendu l-Museum tas-Subien.

L-Erbgħa 11 ta' April 2018 fil-5.00pm ser jiltaqgħu mal-abbatini tal-Parroċċa tagħna u fis-7.00pm ser jiltaqgħu mal-grupp tal-adolexxenti li jattendu fit-Teenage Active Group fil-Villa Apap Bologna.

Il-Ħamis 12 ta' April 2018 fis-6:30pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Dun Ronnie Zammit Viċi-Rettur tas-Seminarju tal-Arċisqof u wara adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bis-sehem tas-Seminaristi. Fit-8:00pm jiltaqa' l-Grupp Nicodemus Encounter li huma ż-żgħażagħ minn 18-il sena 'l fuq għal-laqgħa mas-saċerdoti tal-parroċċa tagħna.

Il-Ġimgħa 13 ta' April 2018 fit-8.30pm jiltaqgħu mal-gruppi tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ li jattendu fil-Pastoral and Liturgical Youth Group u fil-Marsaskala Teenage Group fil-Villa Apap Bologna.
Is-Sibt 14 ta' April 2018 fis-6.30pm quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mmexxija minn Dun Charlon Muscat, id-Direttur taċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet bis-sehem tas-Seminaristi.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**

L-Erbgħa 11 ta' April 2018 ser isir irtir organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-ispiritwalità.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**

Il-Ġimgħa 13 ta' April 2018 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiżżewġu bejn Lulju u Diċembru 2018.

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Is-Sibt 14 ta' April 2018 fil-Knisja Parrokkjali tal-Immakulata Kunċizzjoni, Ħamrun fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**It-Tieni Laqgħa dwar it-Talb**

Il-Ħadd 15 ta' April 2018 fl-4:00pm nistedinkom sabiex ningħaqdu flimkien fis-Sala Sant'Anna għat-tieni laqgħa dwar it-talb. Il-laqgħa tintemm fil-5:30pm. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 19 ta' April 2018 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis**

Il-Ħamis 19 ta' April 2018 bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-Djakonat tas-Seminarista Matthew Pulis li qed jagħti s-servizz tiegħu fil-Parroċċa tagħna, fis-7.00pm ser issir Quddiesa u Velja ta' Talb fis-Seminarju tal-Arċisqof ir-Rabat. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-5.45pm. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija sa nhar it-Tlieta 17 ta' April 2018.
Is-Sibt 21 ta' April 2018 fis-7:15pm adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-Ordinazzjoni tad-djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu u wara quddiesa fit-8.00pm. Inħeġġukom sabiex tattendu.

**Il-Ħadd 22 ta' April 2018 – Jum il-Vokazzjonijiet u Jum l-Ordinazzjoni tad-Djakonat ta' Matthew Pulis u sħabu.**

Fid-9.00am flimkien mal-Knisja f'Malta nifirħu ma' erba' żgħażagħ li ser jiġu ordnati djakni fil-Katidral tal-Imdina. Bħala Parroċċa ser norganizzaw trasport li jitlaq minn quddiem is-Sala Sant'Anna fis-7.30am. Jekk jogħġobkom iktbu isimkom fis-sagristija sa nhar il-Ħamis 19 ta' April 2018.